**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 68**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 68 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
68.5 Rapporti;
68.6 Aġġornament dwar Ġieħ il-Qrendi 2018;
68.7 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
68.8 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
68.9 *Group Health Policy Renewal* tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi 2018;
68.10 *Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
68.11 Lezzjonijiet ta' Zumba u Pilates organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
68.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
68.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-68 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-7:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 68.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

68.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 68.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

68.2.1 Il-Minuti tas-67 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud.

68.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

68.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 68.3, 68.4 u 68.5 jiġu diskussi wara Minuta 68.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 68.6 AĠĠORNAMENT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2018

68.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2018 se ssir nhar is-Sibt 17 ta' Frar u se tittellgħa fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali tal-Qrendi.

68.6.2 Żied li kif ġie diskuss fil-laqgħat preċedenti, tlaqqa' l-kumitat tal-aġġudikazzjoni ta' Ġieħ il-Qrendi 2018 u dan il-kumitat prepara rapport li kien se jinqara f'dik is-seduta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.6.3 Fakkar li l-bord kien iffurmat minn dawn il-membri:

Is-Sindku David Schembri bħala *Chairperson* u mingħajr dritt għall-vot
Is-Sa Bernardette Azzopardi
Is-Sa Jacqueline Cutajar
Is-Sur Joseph Grixti
Is- Sa Betty Mallia
Is-Sur Emanuel Muscat
Is-Sur Joseph Pace
Is-Sa Victoria Sammut
Is-Sur Chris Falzon bħala Segretarju u mingħajr dritt gġall-vot.

68.6.4 Qal li dan il-bord t'aġġudikazzjoni ltaqa' t-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 u ra n-nomina li daħlet għal dan il-Ġieħ u stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jinqara r-rapport.

*F'dan il-mument il-mikrofoni tal-laqgħa ntfew sabiex tkun imħarsa l-protezzjoni tad-data tal-persuna li fuqha kien qiegħed jinqara r-rapport. Il-kameras baqgħu mixgħulin matul dan il-ħin.*

68.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-kumitat t'aġġudikazzjoni, liema rapport kien propost mis-Sindku David Schembri u ssekondat mill-Viċi Sindku Charles Zerafa.

68.6.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dan ir-rapport.

68.6.7 Is-Sindku qal li wara din is-serata se jsir riċeviment żgħir bħalma jsir kull sena.

68.6.8 Żied li se nkunu qegħdin inkellmu lis-Sa Maria Daniela Farrugia u lis-Sa Yanika Ciappara sabiex jipprovdu l-mużika u l-kant matul din is-serata.

68.6.9 Barra minn hekk se nkunu qegħdin nitkellmu wkoll mas-Sur John Buttigieg sabiex jagħmel diskors waqt din is-serata, li jkun jiffoka fuq l-anniversarju tal-400 sena parroċċa tal-Qrendi.

*Il-Kunsilliera Daniela Farrugia waslet għal-laqgħa fis-5:45pm.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 68.7 AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

68.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li t-tenders ġew aġġudikati mill-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni.

68.7.2 Huwa stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jaqra r-rapport tal-bord t'aġġudikazzjoni.

*F'dan il-mument il-mikrofoni tal-laqgħa ntfew sabiex tkun imħarsa l-protezzjoni tad-data ta' dawk li tefgħu l-offerta tagħhom. Il-kameras baqgħu mixgħulin matul dan il-ħin.*

68.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda sabiex qara r-rapport li kien propost mis-Sindku David Schembri u ssekondat mill-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud.

68.7.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dan ir-rapport propost.

68.7.5 Is-Sindku ssuġerixxa li qabel nibagħtu n-notifiki ta' min ħa dan it-tender u le, nitkellmu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

68.7.6 Qal li hu jemmen li m'għandhomx jingħataw pagamenti bil-quddiem għal dan il-proġett, imma li kollox irid jitħallas bil-fattura.

68.7.7 Il-proposta tas-Sindku kienet issekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 68.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI

68.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li issa verament wasalna fl-aħħar fażi ta' dan il-proġett għax kulma fadal hija li tiġi installata l-magna tal-ATM u jiġi installat l-internet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.8.2 Spjega kif b'kollox fadal madwar 12-il siegħa xogħol u li l-Bank BOV qiegħed jipproġetta li jagħmlu f'ġurnata waħda.

68.8.3 Żied li huwa kellu komunikat fejn ġie mgħarraf li jew il-ġimgħa d-dieħla nkella l-ġimgħa ta' wara, ix-xogħol fuqha jkun lest 100%.

## 68.9 ***GROUP HEALTH POLICY RENEWAL*** **TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI 2018**

68.9.1 Is-Sindku David Schembri stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega aħjar dwar din il-polza.

68.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif taħdem din il-polza li tinkorpora mhux biss lill-membri tal-Kunsill Lokali, imma wkoll lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, kemm dawk tal-uffiċċju kif ukoll dawk li ġejjin mill-*Community Workers Scheme* u dawk li ġejjin mill-iskema RSS.

68.9.3 Is-Sindku ppropona li għandna nmexxu fuq din il-polza u l-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ssekondat din il-proposta.

68.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 68.10 ***PERFORMANCE APPRAISALS*** **TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, ASSISTENT PRINĊIPAL U CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

68.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu qiegħed jaħdem ħafna mill-qrib mal-impjegati tal-Kunsill Lokali, kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv.

68.10.2 Qal li filwaqt li huwa pprepara l-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv, l-istess Segretarju Eżekuttiv ipprepara l-*performance appraisal* tal-Assistent Prinċipal u l-Clerk tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.10.3 Fisser kif huwa jħoss li kollha kemm huma għandhom jieħdu l-massimu tal-*performance bonus* tagħhom, jiġifieri 10%, 6% u 3% rispettivament.

68.10.4 Ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jgħaddi dawn il-*performance bonuses* u spjega li l-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv se jingħadda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tagħhom.

68.10.5 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 68.11 **LEZZJONIJIET TA' ZUMBA U PILATES ORGANIZZATI MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

68.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li waslitlu proposta mill-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud dwar lezzjonijiet ta' Zumba u Pilates.

68.11.2 Spjega l-e-mail li bagħtet il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud lill-Kunsill Lokali.

68.11.3 Qal li l-prezzijiet mogħtija mhumiex sussidjati u dan minħabba li mhemmx imdaħħal il-Kunsill Malti għall-Isport jew Sport Malta.

68.11.4 Il-Kunsilliera Sant Mifsud għaddiet sabiex tispjega fid-dettall dak li kitbet fl-e-mail.

68.11.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li nikkuntattjaw lil persuna minnhom u naraw jekk jistgħux jorganizzaw dawn il-lezzjonijiet bejniethom u għaldaqstant il-Kunsill Lokali ma jkollux għalfejn jidħol fl-organizzazzjoni ta' dawn il-lezzjonijiet.

68.11.6 Wara diskussjoni ħareġ li fil-preżent qegħdin jiġu organizzati xi lezzjonijiet taż-Zumba fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u allura ma tkunx tagħmel sens li l-Kunsill Lokali jorganizza l-lezzjonijiet hu wkoll.

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia wasal għal-laqgħa fis-6:15pm.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 68.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

68.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li waslitilna talba sabiex is-*service road* ta' Triq it-Tempesta li tinsab k/ma' Triq il-Kartaġiniżi, Triq il-Feniċi u Triq Antonio Chircop tiġi *one way*.

68.3.1.1 Huwa qal li rridu nkellmu lil Transport Malta b'dan is-suġġeriment, għaliex l-ewwel nett ikun għaqli li l-*bus shelter* preżenti jinbidel u minflok tal-ġebel isir wieħed trasparenti għal aktar viżibiltà.

68.3.1.2 Barra minn hekk spjega kif quddiem Triq il-Feniċi jkun hemm bżonn li tinfetaħ parti żgħira mis-*service road* sabiex insolvu parti oħra mill-problema, u min joqgħod f'dik it-triq ma jkollux għalfejn idur dawra sħiħa.

68.3.1.3 Qal li s-suġġeriment tiegħu hu li minn k/ma' Triq Antonio Chircop it-triq tkun dħul biss.

68.3.1.4 Wara diskussjoni s-Sindku ressaq din il-proposta u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda.

68.3.1.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nkellmu lil Transport Malta dwar dan il-proposti diskussi.

68.3.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li l-ħurġ fi Triq it-Tempesta minn Triq il-Warda jsir biss fuq ix-xellug, u allura biex wieħed imur lejn iċ-ċentru tal-lokal irid idur mar-*roundabout*.

68.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

68.3.3.1 Qal li fuq l-aġenda kien hemm l-imsieraħ ta' Sant'Anna u tal-Ħniena, kif ukoll Triq il-Kabiri, parti minn Triq l-Imqabba u l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq it-Tempesta.

68.3.3.2 Spjega kif mir-risposti li ħadna kien hemm biss sabiex nibagħtu l-e-mails u niktbu dwar dak li nixtiequ li jsir.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni tal-ktejjeb bil-laqmijiet tal-Qrendi u qal li l-ġimgħa d-dieħla se ssir laqgħa oħra fuq dan il-ktieb li qiegħed isir progress ġmielu fuqu.

68.3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-Unur EDEN u qal li lbieraħ ħadna sehem fiċ-ċerimonja tal-unuri li saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenza.

68.3.5.1 Qal li bħala lokalità qed ikollna promozzjoni kbira ħafna u din se tkompli tiżdied fil-ġimgħat li ġejjin.

68.3.5.2 Spjega kif issa għandu stedina sabiex fit-22 ta' Marzu jkun Brussell għaċ-ċerimonja uffiċjali ta' dan l-unur.

68.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi tal-UIF u qal li fil-preżent l-ammont li għandna huwa wieħed sostanzjali u allura nistgħu nagħmlu xi proġett bihom.

68.3.6.1 Qal li huwa jipproponi li jsir tisbieħ estensiv tal-*playing field* tal-Ġnien tal-Warda, fejn isir anke *railing* madwaru minħabba s-sigurtà tat-tfal.

68.3.6.2 Ippropona wkoll li l-bandli li jsiru jkunu immirati mhux biss għat-tfal imma anke għall-pre-adoloxxenti u żgħażagħ żgħar.

68.3.6.3 Qal li rridu nibdew nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill Lokali sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu u ma nagħmlux f'dan ir-rigward.

68.3.6.4 Spjega kif l-art waslet biex tinbidel kollha minħabba li dik li hemm fil-preżent ilha hemm mill-bidu.

68.3.6.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta sabiex jibdew id-diskussjonijiet.

68.3.7 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ ta' żewġ żoni fi Triq il-Panorama u qal li l-Perit tal-Kunsill Lokali diġà ssottometta xi proposti li nistgħu niddiskutu dwarhom.

68.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-latrini pubbliċi u qal li fl-aħħar jiem inqasam pajp fin-naħa tal-irġiel u kellna naqtgħu l-komunikazzjoni minn mat-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tank li hemm fuq il-bejt minħabba li l-pajpijiet għalih jinsabu għaddejjin minn taħt il-madum ta' residenza privata.

68.3.9 Is-Sindku tkellem dwar Triq iċ-Ċimiterju u qal li l-permess kważi ħareġ, fejn Transport Malta diġà bagħtu l-korrispondenza għall-approvazzjoni mingħand l-awtoritajiet differenti.

68.3.9.1 Qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nibdlu s-siġar tal-oleander li hemm bħalissa, kif ukoll se nirranġaw il-bankini u s-servizz tal-ilma, bi spejjeż tal-Kunsill Lokali.

68.3.9.2 Spjega kif kull siġra li se nħawlu se tkun tiswa bejn €300 u €500 minħabba li dawn se jkunu diġà maturi u b'kollox se jkollna bżonn bejn 8 u 10 siġriet.

68.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018 u qal li f'din l-edizzjoni nistgħu ntellgħu wirja ta' ritratti differenti.

68.3.10.1 Qal li tkellem mas-Sur George Abdilla u dan tana indikazzjoni li tiġiena madwar €1,000 sabiex intellgħu esebizzjoni ta' livell.

68.3.10.2 Spjega kif min-naħa tagħna rridu nagħtuh tema sabiex hu flimkien mal-istudenti tiegħu jkunu jistgħu jibdew jaħdmu fuqha minnufih.

68.3.10.3 Fisser kif għandna nkomplu niddiskutu din il-materja fil-laqgħa li jmiss billi anke jkun hemm Minuta fuq l-Aġenda.

68.3.11 Is-Sindku tkellem dwar stedina li rċieva sabiex fil-15 ta' Ġunju 2018 huwa jindirizza konferenza għall-persuni b'diżabilità fil-Polonja.

68.3.11.1 Qal li din l-istedina ġiet wara li għal diversi drabi, studenti Pollakki differenti għamlu esperjenza fil-Ġnien tal-Kmand, meta dawn kienu fuq programm tal-Erasmus+ fi skambju ma' studenti miċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller.

68.3.11.2 Spjega kif s'issa għad m'għandux informazzjoni dwar min se jkun qiegħed jieħu ħsieb l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni, u dwar dan se jkun qiegħed jitkellem aktar 'il quddiem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Is-Sindku tkellem dwar il-kumpanija PARKS li fil-preżent qegħdin
68.3.12 itellgħu ħajt fiż-żona t'Għajn ix-Xemx.

Qal li ġaladabra jitlesta' l-ħajt tinġieb il-ħamrija u jitħawlu s-siġar.
68.3.12.1

Spjega kif għal din l-attività għandna ndaħħlu lill-istudenti kollha tal-
68.3.12.2 Iskola Primarja u taċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller, sabiex din
nabbinaw mal-attivitajiet li qed torganizza l-Parroċċa fl-anniversarju
tal-400 sena parroċċa.

Fisser kif l-idea hi li jkollna sit ieħor bħalma huwa t-34U fiż-żona tat-
68.3.12.3 Torba.

Qal li huwa qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex is-siġar kollha
68.3.12.4 li jitħawlu jkunu sponsorajti.

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sa Jeanette
68.3.13 Abdilla, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu
**Estimi Annwali 2018 u *Business Plan 2018-2020.***

Qal li se jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex
68.3.13.1 jispjega fid-dettall dwar din il-korrispondenza.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta d-dettalji dwar il-qagħda finanzjarja tal-
68.3.13.2 Kunsill Lokali u dwar l-estimi għas-sena 2018.

Barra minn hekk tkellem ukoll dwar il-*Business Plan* għat-tliet snin li
68.3.13.3 ġejjin u qal li dawn se jkunu mressqa wkoll waqt il-Laqgħa tal-Lokalità
quddiem ir-residenti Qrendin.

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sa Caroline
68.3.14 Agius, bit-titlu ***Meeting re.* Festival Agrarju tal-Patata 2018.**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Surġent tal-
68.3.15 Pulizija Jean-Mar Mangion, bit-titlu **Patrols**.

Qal li huwa tal-opinjoni li l-pulizija għandhom jagħmlu aktar patrols
68.3.15.1 fiż-żoni tal-Maqluba, tal-Warda, tal-Ħniena kif ukoll fiċ-ċentru tar-
raħal.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.3.15.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

68.3.16 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gilbert Camilleri, bit-titlu ***Yellow Line for Garage***.

68.3.16.1 Huwa qal li t-talba tas-Sur Camilleri ma tistax tiġi milqugħa minħabba li l-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel sinjali sofor quddiem il-garaxxijiet.

68.3.17 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Antoine Fenech, bit-titlu **Hsara fi Triq Nazzareno Sammut**.

68.3.17.1 Huwa qal li diġà tkellem mal-kuntrattur involut u dan wiegħed li se jibda jpoġġi l-injam taħt il-kontejner.

## 68.4 TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

68.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar Triq il-Panorama minn k/ma' Triq Ħaġar Qim fid-direzzjoni lejn l-Imnajdra u qalet li sar sinjal abjad dritt tat-traffiku.

68.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li jaf bis-sitwazzjoni u dan is-sinjal sħiħ sar ħażin minn Transport Malta u għaldaqstant għandhom jerġgħu jiġu sabiex jirranġawh minħabba li ma sarx sew.

68.4.2 Il-Kunsilliera Sant Mifsud staqsiet ukoll dwar Triq Filippu Gutenberg u l-bin tal-klieb li hemm malli tibda t-triq, minħabba li dejjem ikun hemm il-ħmieġ madwaru.

68.4.2.1 Ipproponiet li forsi titpoġġa skip sabiex innaqqsu l-problema.

68.4.2.2 Is-Sindku wieġeb li ftit tas-snin ilu l-Kunsill Lokali kien neħħa l-iskips kollha minn madwar il-lokal sabiex innaqqsu l-ħmieġ li kien qiegħed jinġabar madwarhom, u allura mhux se jkun l-istess Kunsill Lokali li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jerġa’ jibda jpoġġi l-iskips hu.

68.4.2.3 Qal li jekk ikun hemm 75% tar-residenti tat-triq li jaqblu li titpoġġa l-iskip, il-Kunsill Lokali jagħmel dan bil-qalb kollha.

68.4.3 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia tkellmet dwar l-istudenta Kristina Critien u qalet li din tixtieq titkellem dwar ċertu proposti mal-Kunsill Lokali.

68.4.3.1 Is-Sindku qal li huwa diġà ra diversi proposti ta’ din l-istudenti, biss ikun aħjar jekk issir laqgħa mas-Sa Critien u jiġi diskuss kollox fid-dettall.

68.4.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li rċieva ħafna tifħir għall-Unur EDEN mirbuħ mill-Kunsill Lokali u qal li jħossu sodisfatt li fl-aħħar snin imxejna ħafna ‘l quddiem.

68.4.5 L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Yanika Ciappara qalet li hemm wire maqtugħ fi Triq Misraħ is-Sinjura, li mill-ewwel indikazzjoni jidher li huwa tat-telefon u li forsi jista’ jkun t’inkonvenjent għal min jgħaddi minn din it-triq.

## 68.5 **RAPPORTI**

68.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ħarġa li jmiss tal-Kunsill Lokali ser issir nhar it-Tlieta 6 ta’ Frar 2018 u ser tkun *buffet breakfast*.

68.5.2 Il-Viċi Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser tkun qiegħda ssir l-ewwel laqgħa tas-sottokumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2018.

68.5.3 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-ħatra tal-Monsinjur Professur Emmanuel Agius u qal li l-Kunsill Lokali jrid jifraħ lil dan il-Monsinjur għall-ħatra tiegħu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

68.5.3.1 Qal li dan se jkun l-ewwel Monsinjur f'dawn l-400 sena parroċċa, u għaldaqstant il-Kunsill Lokali qiegħed jaħseb sabiex jagħti rukkett lil dan il-Monsinjur ġdid li jkun jista' jużah fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-parroċċa.

68.5.3.2 Żied li dan ir-rukkett jiswa €650 u li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jagħtih lill-Professur Dun Emmanuel Agius għall-ħidma kollha tiegħu b'risq il-komunità Qrendija fis-37 sena saċerdozju tiegħu.

68.5.3.3 Il-proposta tas-Sindku kienet issekondata mill-Kunsillier Daniel Farrugia u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 68.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

68.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,870.03 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/18 u €62.29 skont il-*Petty Cash* Ref U/12.

68.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

68.12.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

68.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 68.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

68.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-7:45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fil-5:30pm.

68.13.2 Ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità għandha ssir ukoll it-Tnejn 19 ta' Frar 2018 u tibda fis-7pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |